# ĠUBLEW TAL-FIDDA

## 1965-1990

Ħamsa u għoxrin sena ilu, kienet sena ta' ferħ speċjali għal-Parroċċa tagħna, l-Imqabba.

F'dik is-sena, fit-3 ta' April, kienu ġew ordnati saċerdoti Dun Karm Ghigo u Dun Joe Bugeja. Sal-lum ukoll, dawn huma l-aħħar żewġ qassisin li laħqu minn ulied din il-Parroċċa.

L-ewwel ġimgħat tax-xahar ta' Santa Marija dik is-sena, kienu ukoll mimlijin ġranet ta' festi solenni. Il-Ħadd l-1 ta' Awissu, Dun Karm qaddes l-ewwel Quddiesa Kantata Solenni tiegħu, filwaqt li Dun Joe iċċelebraha l-Ħadd 8 ta' Awissu.

Il-Ħadd 15 ta' Awissu, imbagħad filgħodu, Dun Karm iċċelebra l-Quddiesa Kantata Solenni ta' Santa Marija, filwaqt li l-funzjoni ta' filgħaxija u l-purċissjoni kienu kollha mmexxija minn Dun Joe Bugeja.

Filwaqt li nitolbu 'l Alla biex aktar żgħażagħ mir-raħal tagħna jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej, aħna l-Kumitat, membri u soċji tas-Soċjetà Santa Marija, nieħdu din l-okkażżjoni tal-Ġublew tal-Fidda u nsellmu lil Dun Karm Ghigo u 'l Dun Joe Bugeja u nawgurawlhom

AD MULTOS ANNOS



**Dun Joe Bugeja u Dun Karm Ghigo jiġu ppreżentati b'ritratt ta' Santa Marija mill-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Re Ġorġ V. Fil-paġna biswit tidher l-ewwel paġna tal-ġurnal "Leħen is-Sewwa", li jġib id-data ta' l-ordinazzjoni.**